**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs**

**Cristina Zainea**
**ID: IF 647987 - 2861027420147**

Illum: 21 ta' Lulju 2019

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata Cristina Zainea ta' tlieta u tletin (33) sena, bint Marian u Lentua xebba Lonita, imwieled fir-Rumanija nhar is-27 ta' Ottubru, 1986, minghajr residenza u detentrici tal-karta tal-identità Rumena numru IF 647987 - 2861027420147;

Akkużat talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b' rizoluzzjoni waħda:

Nhar il-5 ta' Lulju, 2019 għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija kkommettew serq ta' diversi oġġetti minn ġewwa "Valyou Supermarket" sitwat fi Triq il-Kbira fil-Mellieħa liema valur ma jiskorrix is-somma ta' mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€232.94) u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar it-12 ta' Lulju 2019 għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija kkommettew serq ta' diversi oġġetti minn ġewwa "Valyou Supermarket" sitwat fi Triq il-Kbira fil-Mellieħa liema valur ma jiskorrix is-somma ta' mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€232.94) u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fix-xahar 19 ta' Lulju tal-2019, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li saru b' risoluzzjoni waħda, minn ġewwa "Valyou Supermarket" sitwat fi Triq il-Kbira fil-Mellieħa, ikkommettew serq ta' diversi oġġetti u prodotti, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-ħin, bi ksur tal-Artikolu 18, 261, 267, 270, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet lill-imputata tirreġistra ammissjoni għal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżata bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietla żmien biżżejjed biex terġa' tikkonsidra t-tweġiba tagħha u terġa' lura minnha.

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-ko-imputata dwar l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha, il-Qorti ma tistax ħlief issibha ħatja tal-istess imputazzjoni.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qieset in-natura tal-imputata miġjuba kontra l-ko-imputata, l-ammissjoni bikrija tagħha, kif ukoll illi l-prosekuzzjoni mhux qed tinsisti dwar piena ta' priġunerija effetiva.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261 (c) u (f), 270, 279(a), 280 (1), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 qed issib lill-imputata Cristina Zainea ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u qed tikkundannaha għall-piena ta' tmintax-il

xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' tliet snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat